Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 50

Data tal-laqgħa: 25 ta' Awwissu 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Andrè Grech – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

50.1.1 Is-Sindku ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Andrè Grech fejn infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

50.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 49. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

50.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 50.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

50.3.1 Para 49.3.1 – Statwa Santa Marija
Is-Sindku infurma lir-restawr tal-istatwa beda.

50.3.2 Para 49.3.2 – Korsijiet TCTC
Is-Sindku infurma li l-*fliers* tqassmu. Ġew ordnati 200 *flier* oħra għax ma servewx.

50.3.3 Para 49.3.3 – Tneħħija ta' Ġebla antika fi Triq Il-Kbira k/m Triq Santa Marija
Is-Sindku infurma li għad irid ikellem lill-Kappillan fuq it-tneħħija tal-ġebla.

50.3.4 Para 49.5 – Mwejjed u siġġijiet
Is-SE infurmat li għadna ma rċivejniex tweġiba mingħand l-MTA. Is-Sindku talab lis-SE biex tinforma lill-avukat biex tibgħat *reminder*.

50.3.5 Para 49.4.2 - *Cul-de-sac* fi Vjal Sir M A Refalo
Is-SE infurmat li saru 5m dyl fil-kantunieri u sal-lum il-Kunsill ma rċieva l-ebda ilment.

50.3.6 Para 49.4.4 - *Website* tal-Kunsill
Is-Sindku infurma li l-*website* tal-Kunsill dalwaqt tkun lesta.

50.3.7.1 Para 49.7 – Riżenja ta' skrivana
Is-SE infurmat li bħalissa s-sejħa hija miftuħa fil-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex. Sal-lum ma rċivejna l-ebda applikazzjoni. Il-Kunsill ser jikkunsidra li jirranġa l-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju tax-xitwa jekk sakemm tiġi biex titlaq l-iskrivana nkunu għadna ma sibna lill-ħadd.

50.3.7.2 Is-SE infurmat ukoll li minħabba nuqqas ta' *staff* u l-ammont ta' xogħol li jkun hemm fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju, it-telefonati mhux dejjem qed jiġu mwieġba. Il-Kunsill fehem is-sitwazzjoni u s-SE qalet li l-impjegati qed jagħmlu l-almu tagħhom biex ilaħħqu mad-domanda.

50.3.8 Para 49.13 – Aġġornament fuq Triq il-Qarċilla
Is-Sindku talab lis-SE biex terġa' tibgħat *reminder* lill-Perit biex jipprepara d-dokumenti biex tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

50.3.9 Para 47.15.9 - Ismijiet ta' toroq
Is-Sindku infurma għad trid tintbagħat l-ittra lir-residenti tat-toroq ikkonċernati.

## 50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

50.4.1.1 Bankina fi Triq iz-Zekkuk u Triq Idmejda

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-istimi ppreparati mill-Perit. Il-bankina ta' Triq iz-Zekkuk hija stmata li tiġi tiskwa kważi €33K, filwaqt li ta' Triq Idmejda madwar €42.5K. Il-Kunsill irrimarka li għalkemm din hija spiża kbira, ma jistax jirriskja li dawn il-bankini jitħallew f'dan l-istat għalhekk unanimament approva li jsiru.

50.4.1.2 Is-Sindku talab lis-SE biex tinforma lill-Perit biex jipprepara d-dokumenti biex tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

50.4.1.3 Is-Sindku talab ukoll li nitolbu laqgħa urġenti mas-CEO ta' IM biex ninfurmawh bl-istat diżastruż li tinsab fih Triq Idmejda, peress li din hija waħda mit-toroq li suppost għandha ssir minn IM.

50.4.2 Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-Agenda u tiġi diskussa *item* 50.6 peress li kien hemm l-accountant ta preżenti speċifikament għal dan *item*. Il-Kunsill unanimament approva.

## 50.6 Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2021

50.6.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2021 kif emendat wara li sar l-*audit*. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta spjegazzjoni dettaljata fuq l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

50.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku – Kontinwazzjoni

50.4.1 <u>Invit mill-Ambaxxata Ċiniża flimkien mal-Ministeri tal-Affarijiet Barranin u Fondi Ewropej</u>
Is-Sindku infurma li l-Kunsill irċieva stedina għaċ-Ċelebrazzjoni tal-50 Anniversarju tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn iċ-Ċina u Malta. Għal din l-attività ser jattendi l-Kunsillier Stephen Gatt.

<u>Invit - Fondazzjoni *Wellbeing*</u>
50.4.2 Is-Sindku infurma l-irċieva l-istedina għall-attività organizzata mill-Fondazzjoni *Wellbeing*. Is-Sindku kkonferma l-attendenza tiegħu.

50.4.3 <u>Bozoz mal-faċċata ta' Benrikville</u>
Is-Sindku infurma li l-Kunsill ma rċieva l-ebda tweġiba mingħand is-sid għall-ittra legali li bagħtet l-avukat tal-Kunsill u għalhekk unanimament il-Kunsill approva li nibgħatu ittra ġudizzjarja.

50.4.4.1 <u>Stat tal-bankina u t-triq quddiem is-sit Benrikville</u>
Is-Sindku infurma li qed jidħlu diversi ilmenti dwar l-istat ħażin tal-bankina u t-triq quddiem is-sit. Saret ħsara bil-makkinarju li ntuża biex inbniet il-blokka.

50.4.4.2 Il-Kunsill talab li niktbu lis-sid biex ninfurmawh bl-obbligu li għandu sabiex jirranġa l-bankina u t-triq għall-istat oriġinali tagħha.

50.4.5 <u>Sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Karenza</u>
Issemmiet ukoll il-ħsara li saret fil-bankina quddiem sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Karenza. Kunsillier ser jinfurmana bl-indirizz biex ninfurmaw lis-sid jirranġa l-bankina.

50.4.6 <u>Ħofor fi Triq il-Providenza</u>
Is-Sindku qal li riċenti kellna ilment li hemm xi ħofor fit-triq li ġew irranġati mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku talab li jiġi ċċekkjat jekk jistax isir xi *patching* naqra akbar biex iż-żona tiġi aktar uniformi.

50.4.7 <u>Applikazzjoni għall-*Bollards* – Każini</u>
Is-Sindku talab li nibgħatu reminder lill-TM fuq l-applikazzjonijiet pendenti tal-*bollards*.

50.4.8.1 <u>Vettura biex tintuża mill-*Community Police*</u>
Is-Sindku semma li ġiet diskussa l-possibiltà li tiġi sponsorjata vettura għall-*Community Police* bejn il-Kunsilli Lokali ta' Ħal Balzan, Ħal Lija, Ħ'Attard u Iklin. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilli li tinkera vettura għal sena biss. Is-Sindku qal li qed nistennew kwotazzjoni.

50.4.8.2 Is-SE irrimarkat li l-Kunsill m'għandux l-obbligu li jonfoq fondi pubbliċi biex jipprovdi vettura lill-*Community Police.*

## 50.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

50.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 50.7 Rapporti

50.7.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 50.8 Problema ta' ipparkjar illegali

50.8.1 Ġiet diskussa l-problema ta' ipparkjar illegali speċjalment quddiem il-garaxxijiet f'diversi toroq fil-lokalità. Problema oħra hija li qed jiġi ostakolat il-*parking* tad-*disabled* ta' quddiem il-Kunsill minħabba vetturi li jipparkjaw fin-nofs. Ġie rrimarkat li din hija kwistjoni ta' infurzar.

50.8.2 Fuq nota differenti, ġie rrapportat li l-istat tal-gallarija tal-għassa tinsab fi stat ħażin. Ser jiġi ċċekkjat u filkas niktbu lill-Kummissarju.

## 50.9 Dawl dekorattiv għal żmien il-Milied

50.9.1 Is-SE ressqet żewġ (2) kwotazzjonijiet biex jintrama dawl dekorattiv f'diversi toroq f'Ħal Balzan. Is-SE infurmat li b'kollox kitbet lill-erba' (4) kumpaniji imma tnejn (2) minnhom ma weġbux.

50.9.2 Il-Kunsill approva l-irħas offerta ta' Noel Borg li tammonta għal €5,040 (VAT inkluż).

50.9.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa assentat ruħha mid-diskussjoni u mid-deċiżjoni peress li, wieħed mill-fornituri li bagħtu kwotazzjoni jiġi ħuha.

## 50.10 Skemi Finanzjarji

50.10.1 <u>SPI/SCI/07/2022 – Espressjoni ta' interess: *World Cleanup Day Campaign 2022*</u>
Is-SE infurmat li din l-iskema għalqet fit-12 ta' Awwissu 2022.

50.10.2 <u>SPI/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' interess: Finanzjament Milied 2022</u>
Il-Kunsill qabel li napplikaw biex issir attività għal żmien il-Milied. Is-Sindku se jipprepara l-applikazzjoni u ser tissejjaħ laqgħa urġenti sabiex tiġi approvata l-applikazzjoni qabel id-data tal-għeluq tal-iskema (30 ta' Awwissu 2022).

50.10.3 <u>SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom</u>
Ġiet innutata Skema SPI/SCI/09/2022 maħruġa mid-Direttorat għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex jinxtara vann elettriku biex il-Kunsill ikun jista' joffri trasport għal affarijiet essenzjali għall-anzjani tal-lokal. Is-SE se tippreżenta l-applikazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

50.10.4 <u>Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs</u>
Is-SE infurmat liż-żewġ Każini tal-Banda wrew interess li jipparteċipaw f'din l-iskema. Il-Każin tal-Football ma bagħat l-ebda proposta. Għalhekk il-Kunsill approva li l-ammont ta' €3,000 għandu jinqasam ugwalment bejn iż-żewġ Każini.

50.10.5 <u>Proġetti Sostenibbli</u>
Ġiet innutata Skema għal proġetti sostenibbli maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex isiru l-bankini ta' Triq iz-Zekkuk u Triq Idmejda.

## 50.11 Jum Ħal Balzan 2022

50.11.1 Is-Sindku beda billi irringrazzja lill-Viċi Sindku tax-xogħol li qed tagħmel biex issib fondi addizzjonali u tiġi organizzata l-attività għal Jum Ħal Balzan.

50.11.2 Is-Sindku qal li wara laqgħa kellu mar-Reġjun Tramuntana, flimkien mal-Viċi Sindku, ġie ikkonfermat lir-Reġjun jistgħu jipprovdu sa €5,000 għall-spejjeż relatati ma' Jum Ħal Balzan. Dawn jistgħu jiżdiedu mat-€3,500 li jistaw jintefqu mill-fondi tal-Kunsill. Apparti minn hekk, ir-Reġjun ser ikun qiegħed jiffinanzja s-somma ta' €3,000 għall-spejjeż relatati ma' promozzjoni.

50.11.3 B'dan l-ammont jista' jiġi organizzat kunċert simili għal dak tas-sena l-oħra.

50.11.4 Il-Kunsill approva li Jum Ħal Balzan jiġi ċċelebrat is-Sibt 22 ta' Ottubru 2022 filgħaxija. F'każ li jkun maltemp, jiġi ċċelebrat is-Sibt ta' wara fid-29 ta' Ottubru. Peress li ma tantx fadal żmien, kien hemm qbil li l-programm jiġi approvat permezz ta' *emails*.

## 50.12 *Embellishment* f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

50.12.1 Peress li dan il-proġett ser ikun qed jaħdem fuqu l-Kunsillier Andrè Grech, ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 50.13 Sinjali ġodda kontra l-ħmieġ tal-klieb

50.13.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġu stampati tabelli ġodda kontra l-ħmieġ tal-klieb, għax dawk li nużaw preżentament (tħallix lill-Fido jħammeġ) huma antiki ħafna.

50.13.2 Il-Kunsill unanimament approva li jsiru tabelli ġodda aktar moderni. It-tabelli ser ikunu bil-Malti u l-Ingliż u ser jinkludu stampa.

## 50.14 Problema ta' *flooding*

50.14.1 Issemmiet il-problema kbira ta' *flooding* f'diversi toroq fil-lokalità meta għamlet ix-xita. It-toroq li ssemmew huma:

- Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira
- Triq il-Kbira (il-parti ta' bejn il-Każin Marija Annunzjata u l-ispiżerija)
- Triq Idmejda
- Triq Ġużè' Bonnici u Triq Wigi Ebejer

50.14.2 Is-SE infurmat li fil-jiem li ġejjin, il-ħaddiema għandhom inaddfu l-ispralli.

50.14.3 Il-Kunsill iddiskuta. Il-Viċi Sindku semmiet li fil-passat kienu jiġu bil-bowser biex inaddfu l-ispakxins tal-pjazza peress li jkunu miżdudin. Ser jiġi ċċekkjat dwar dan. Apparti minn hekk, din il-problema ser tissemma fil-laqgħa li se ssir mas-Sur Ivan Falzon (IM).

## 50.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

50.15.1.1 ***Tender – Bulky Refuse*** – BLC 01/2022
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt preżenti skada fl-aħħar ta' Lulju u għalhekk hemm bżonn li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Is-SE qalet li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 01/2022. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

50.15.1.2 Ġie approvat id-dokument għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 01/2022. Is-SE ser tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill approva li sakemm isir il-proċess, ser jibqa' jużа s-servizz tal-kuntrattur preżenti.

50.15.1.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Stephen Gatt
Evalwaturi: Dr Abigail Critien (Avukat), Mark Debono (*Accountant*) u Adrian Mifsud (*Contracts Manager*)

50.15.2 Applikazzjoni għat-*Teleworking*

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni tagħha biex minn Ottubru 2022 tibda taħdem numru ta' siegħat fil-ġimgħa bit-*Teleworking*. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjoni.

50.15.3.1 <u>Talba għal *Reserved Parking Bay* temporanja</u>
Persuna li taħdem f'uffiċċju fi Triq il-Mitħna qed titlob li ssir *reserved parking* temporanju quddiem il-bieb peress li għadu kif għamel operazzjoni u għandu problema biex jimxi.

50.15.3.2 Din il-persuna ser tiġi nfurmata bil-proċedura ta' kif jista' japplika għal *blue badge* u *reserved parking bay*.

## 50.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

50.16.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 08/22, li tinkludi l-ammont ta' €183.55c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2022.

50.16.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 50.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

50.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.50pm.

50.17.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 14 ta' Settembru 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv